# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Numru 2**

**Rikors Numru 330/01TA**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 367/01 fl-ismijiet:-**

**Paul Caruana**

**vs**

**Rudolphe Gaerty**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors presentat minn Rudolphe Gaerty tat-28 ta' Frar 2001;

Rat ir-Risposta ta' Paul Caruana presentata fit-12 ta' Marzu 2001;

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu

r-rikors odjern gie assenjat lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kien diga` imholli ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors;

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu 2001 fejn il-partijiet qablu li dan ir-Rikors jinstema' flimkien mal-Kawza Cit Nru 369/98 AJM illum TA (a` fol 63 );

Rat li l-Kawza fuq imsemmija giet deciza llum stess.

**Ikkunsidrat**

Il-mandat mertu tar-Rikors odjern inhareg in kawtela ghall-pretensjonijiet li kellu l-intimat Paul Caruana kontra l-intimat Rudolphe Gaerty abbazi tal-iskrittura tas-16 ta' Gunju 1997, li hija l-istess skrittura mertu tal-Kawza deciza llum l-istess. Skont il-mandat mertu ta' dan ir-Rikors, dan inhareg fuq il-premessa, li bih kienu qeghdin jigu kkawtelati pretensjonijiet avvanzati permezz ta' Citazzjoni numru 1942/98 AJM. In-numru tac-citazzjoni tal-kawza li giet deciza llum huwa ta' 369/98TA.

Oltre dan b'decizjoni tal-lum stess, fil-Kawza fl-ismijiet Paul Caruana -vs- Rudolphe Gaerty, Citazzjoni numru 369/98 TA, u cioe` dik il-kawza li tissemma fil-verbal tal-15 ta' Marzu 2001, b'ezami approfondit tal-mertu u ghalhekk aktar minn prima facie, it-talbiet tal-imsemmi Paul Caruana gew

michuda. A` skanza ta' repetizzjoni, dwar il-mertu, tirreferi lill-partijiet ghall-atti u s-Sentenza imsemmija.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, issib li hemm ragunijiet bizzejjed biex it-talbiet tar-Rikorrent jigu milqugha abbazi tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, din il-Qorti qeghdha **tilqa'** t-talbiet tar-Rikorrent u tordna l-hrug tal-kontro mandat opportun ghall-mandat ta' Sekwestru numru 367/01 fl-ismijiet Paul Caruana -vs- Rudolphe Gaerty.

**Spejjes** ta' dawn il-proceduri jkunu kollha a` karigu tal-imsemmi Paul Caruana.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**